Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.**
**Mag Juris (EU Law)**

Awla 9

Il-Pulizija
(Spettur Pio Pisani)
vs
Joseph Neville Fenech,
Maria Stevens u Flavia
Grech

Illum 19 ta' Frar, 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotti kontra l-imputati fuq imsemmi Joseph Neville Fenech, iben Moses u Maria Stella nee Bray, imwieled San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta tal-identita Nru 573961M, Maria Stevens, mart Clifford, bint Moses u Maria Stella nee' Bray, imwielda San Pawl il-

Bahar u detentrici tal-karta tal-idenita Nru 204837 u Flavia Grech, mart Loreto, bint Moses u Maria Stella nee' Bray, imwielda Xemxija fil-limiti ta' San Pawl il-Bahar u detentrici tal-karta tal-idenita Nru. 598444M li permezz taghhom huma gew akkuzati talli f'Ghajn Tuffieha, f'dawn l-ahhar jiem wara it-23 ta' Marzu 2000, u anke fix-xhur ta' qabel din id-data, naqsu li jobdu l-ordni moghtija lilhom mill-pulizjia ta' liema ordni hawn annessa kopja bhala formanti parti minn din ic-citazzjoni, biex inehhu l-perikolu u ssewwu l-hsara li hemm fil-post "Ex Riviera Martinique Hotel", sitwata f'Ghajn Tuffieha, propjeta taghhom jew amministrata minnhom u b'hekk huma m'obdewx ordni legittima bi ksur ta' l-Artikolu 25, tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizja, Kap. 10 u ta' l-Artikolu 338(ee) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9;

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' kundanna, barra milli tinfliggi l-piena skond il-Ligi fit-termini ta' l-Artikolu 377 tal-Kodici Kriminali Kap. 9, tordna lill-imputati li jnehhu l-inkonvenjent, jesegwixxu l-Ligi u cioe li jaghmlu t-tiswijiet fi zmien sufficjenti moghti lilhom taht penali ta' mhux inqas minn zewg liri (LM2) kuljum fin-nuqqas jew li tordna li dan isir mill-pulizija bi spejjes ta' l-imputati jekk dawn jibqghu ma jottemorawx ruhhom mal-Ligi, ai termini ta' l-Artikolu 321 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija Kap. 10;

Semghet lill-imputati fuq imsemmija iwiegbu li ma kienux hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Lulju, 2000 li permezz tieghu hatret lill-Perit Alan Saliba bhala Perit Tekniku sabiex jaccedi fil-fond in kwistjoni u jikkonstata jekk kienx jezisti perikolu;

Semghet lix-xhieda kollha prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti, l-provi kollha li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Alan Saliba minnu ipprezentata u mahlufa waqt is-seduta tas-6 ta' Marzu, 2001. Rat il-konkluzzjoni li ghaliha wasal l-imsemmi Perit Tekniku fis-sens illi l-istruttura li hemm fuq wara tal-fond, il-'porch', li hija struttura addizzjonali li tikkonsisti f'pilastri tal-konkos u soqfa bi travi tal-hadid u konkos u mibnija fuq zewg sulari, ghandha titwaqqa' pero mhux qabel :

1. Jerga jittella l-hajt ta' ilqugh li hemm taht ha u li huwa mgarraf.
2. Isiru dniefel (ilqugh tal-konkos) mal-hajt ta' wara tal-binja principali.

3. Jigu mbarrati l-aperturi kollha tal-post bil-gebel u jsir l-irfid tas-soqfa.

Ix-xogholijiet l-ohra ta' water-proofing u bdil ta' soqfa imsemmija aktar 'il fuq jehtieg li jsiru wara li jitwaqqa' l-'porch'.

Illi l-Qorti taqbel mal-konkluzzjonijiet li ghalihom wasal l-Perit Tekniku minnha nominat u ghaldaqstant qeghda taddotta r-relazzjoni tieghu u taghmilha bhala taghha.

Rat il-verbal taghha tat-23 ta' Jannar, 2002 u senjatament id-dikjarazzjoni tal-Perit Alan Saliba, il-Perit Tekniku, fis-sens illi sabiex jitnehha l-perikolu ezistenti jenhtieg li jittella l-hajt tal-ilqugh imsemmi fir-relazzjoni tieghu, kif ukoll illi l-"extension" ta' fuq tal-lukanda ghandha titwaqqa skond ma spjega fir-relazzjoni tieghu. Il-Qorti rat ukoll illi l-Ufficjal Prosekutur qabel ma din id-dikjarazzjoni.

Il-Qorti rat illi giet ippruvata l-imputazzjoni migjuba kontra t-tlett imputati fuq imsemmija u ghaldaqstant wara illi rat l-Artikolu 25 tal-Kap. 10 u l-Artikolu 338 (ee) tal-Kap. 9 tikkundanna lit-tlett imputati fuq imsemmija, kull wiehed u wahda minnhom ghall-ammenda ta' hamsa u ghoxrin lira (LM25).

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 377 tal-Kodici Kriminali u tordna lit-tlett imputati fuq imsemmija li jnehhu l-inkonvenjent fi zmien tlett xhur mil-lum taht penali ta' ammenda ta' zewg liri (LM2) kulljum fin-nuqqas u a skans ta' kull ekwivoku tispjega illi l-imputati ghandhom kif diga spjegat itellghu l-hajt tal-ilqugh imsemmi fir-relazzjoni tal-Perit Tekniku il-Perit Alan Saliba u ghandhom ukoll iwaqqghu il-'porch' kif imsemmi fir-relazzjoni tieghu u qabel ma jitwaqqa dan il-'porch' ghandhom isiru pilastri vertikali, dniefel, sal-pedamenti sabiex meta l-'porch' jitwaqqa il-moviment gja ezistenti fil-binja principali  bhal konsenturi fil-kamra ta' quddiem biswit it-tromba tat-tarag u xorok li resqu lura u imsemmija f'numru 4 fir-relazzjoni tal-Perit Tekniku ma jkomplix jigi aggravat.  Ghaldaqstant l-istruttura li hemm fuq wara tal-fond hekk imsejjha il-'porch' li hija struttura addizzjonali u tikkonsisti f'pilastri tal-konkos u soqfa bi travi tal-hadid u konkos u mibnija fuq zewg sulari, ghandha titwaqqa' pero mhux qabel :

1. Jerga jittella l-hajt ta' ilqugh li hemm tahtha u li huwa mgarraf.
2. Isiru dniefel mal-hajt ta' wara tal-binja principali.
3. Jigu mbarrati l-aperturi kollha tal-post bil-gebel u jsir l-irfid tas-soqfa.

Wara illi jitwaqqa dan il-‘porch’ ghandhom isiru x-xogholijiet l-ohra ta’ water-proofing u bdil ta’ soqfa imsemmija fir-relazzjoni tal-Perit Tekniku.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur